

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.4.2008  
KUMM(2008) 203 finali

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA NRU 4  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2008**

**RENDIKONT TA' L-INFIQ BIT-TAQSIMA  
Taqsimi III – II-Kummissjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

**ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA NRU 4  
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2008**

**RENDIKONT TA' L-INFIQ BIT-TAQSIMA  
Taqsimi III – Il-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,
- it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>1</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan qed tippreżenta lill-awtorità baġitarja l-Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda Nru 4 għall-baġit ta' l-2008.

---

<sup>1</sup> ĠU L 248, 16.09.2002, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L 390, 30.12.2006, p.1.

## **TIBDIL GĦAD-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL**

It-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jintbagħat separatament permezz tas-sistema SEI-BUD. Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz Preliminari preżenti tal-Baġit ta' Emenda Nru 4/2008 huwa maħsub biex iqassam il-bilanċ favorevoli li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2007. Kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>3</sup>, fl-Artikolu 15(3), dan huwa l-uniku suġġett ta' dan il-PDAB u għandu jiġi sottomess fi żmien 15-il ġurnata wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji, li saret fil-31 ta' Marzu 2008.

1. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2007 turi bilanċ favorevoli ta' EUR 1,528,833,290 (li jeskludi l-bilanċ nett ma' l-EFTA-ŻEE), li għalhekk iddaħħal bħala dħul bil-baġit ta' l-2008.

Ir-reġistrar tal-bilanċ favorevoli jista' jiġi analizzat kif ġej:

<b>2007</b>	<b>EFTA-ŻEE</b>	<b>Komunitajiet Ewropej</b>	<b>Total</b>
<b>Dħul għas-sena finanzjarja</b>	<b>136 671 660,00</b>	<b>117 426 308 469,91</b>	<b>117 562 980 129,91</b>
<b>Pagamenti kontra approprjazzjonijiet għas-sena kurrenti</b>	<b>-122 335 221,52</b>	<b>-112 905 636 590,67</b>	<b>-113 027 971 812,19</b>
<b>Approprjazzjonijiet ta' pagamenti mgħoddija għas-sena N+1</b>	<b>0,00</b>	<b>-3 114 011 336,73</b>	<b>-3 114 011 336,73</b>
<b>Approprjazzjonijiet ta' l-EFTA miġjuba mis-sena N-1</b>	<b>-2 103 751,46</b>	<b>0,00</b>	<b>-2 103 751,46</b>
<b>Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet mhux użati miġjuba mis-sena N-1</b>	<b>579 671,59</b>	<b>245 683 538,88</b>	<b>246 263 210,47</b>
<b>Differenzi tal-kambju għas-sena</b>	<b>0,00</b>	<b>-123 510 791,35</b>	<b>-123 510 791,35</b>
<b>Outturn baġit 2007</b>	<b>12 812 358,61</b>	<b>1 528 833 290,04</b>	<b>1 541 645 648,65</b>

2. L-ibbaġġitjar tal-bilanċ favorevoli se jnaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali ta' l-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-Baġit ta' l-UE. Dan it-tnaqqis globali minn Stat Membri se jkun ukoll influwenzat mill-previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji (TOR, VAT u GNI) inkluż l-ammont aġġornat tal-korrezzjoni tar-Renju Unit Kmieni f'Ġunju, il-Kummissjoni se tippreżenta, f'Abbozz Preliminari ta' Baġit ta' Emenda separat, previżjonijiet aġġornati, li mistennija jkomplu jbiddu l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet skond il-pajjiż.

<sup>3</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.